MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 679/2007

**Mobisle Communications Ltd.**

**Vs**

**Matthew John Migneco**

## It-Tribunal

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li tablet lil dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltija u hdax-il centenzmu (Lm171.11), illum ekwivalenti ghal tlett mija u tmienja u disghin Euro u tmienja u hamsin centezmi (€398.58), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 1011525 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Novembru, 2006 u Frar, 2007.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Mejju, 2007, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz promotorju u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi fl-ewwel lok il-konvenut qed jirrikonoxxi li l-ammont pretiz fit-talba tal-atturi huwa dovut.

Illi fit-tieni lok qed jikkontesta l-ispejjez gudizzjarji inkluz dawk tal-mandati relattivi stante li dawn il-proceduri kienu intempestivi u b’hekk qed jinzamm ferm il-kap tal-ispejjes u dan billi l-ebda avviz ma gie mibghut lill-konvenut.

Ra x-xhieda tal-konvenut li stqarr u fl-indirizz “Dar Serena”, Triq Santa Katerina, Attard kienu joqoghdu l-genituri tieghu. Jghid li l-indirizz tieghu kien “Mithna ta’ Marmara”, Triq il-Mithna, Nigret, Zurrieq u ilu joqghod hemm sentejn.

Jghid li qatt ma kien ra l-ittra ufficjali allegatament mibghuta mis-socjeta’ attrici.

Ra d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Fl-ewwel lok, il-konvenut qed jammetti li l-ammont pretiz mis-socjeta’ konvenut hu dovut, izda pero’ jinsisti li m’ghandux ibaghti l-ispejjes tal-kawza peress li ma kienx ircieva l-ebda forma ta’ att gudizzjarju.

F’dan il-kuntest, is-socjeta’ attrici esebit ittra ufficjali datata 27 ta’ Gunju, 2007, li l-konvenut jikkontesta li qatt ma rceviha u dan meta jsostni li ma kienx joqghod f’ “Dar Serena”, Triq Santa Katerina, Attard izda kienu joqoghdu hemmhekk il-genituri tieghu, filwat li hu kien joqghod iz-Zurrieq.

Ir-riferta ta’ l-ittra ufficjali, kienet wahda pozittiva u fiha hemm indikat li l-istess ittra giet imqassma.

L-istess tesi tas-socjeta' attrici tkompli tissahhah meta mis-'subscription order form', l-istess indirizz ta' H'Attard jirrizulta bhala dak tal-konvenut u cioe' s-'subscriber' u ghalhekk l-istess socjeta' attrici ma kellhiex indirizz alternattiv biex tikkomunika mal-konvenut, hlief dak ta' "Dar Serena", Triq Santa Katerina, Attard, li anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument kien l-indirizz tar-residenza tal-genituri tieghu, accettaw l-ittra ufficjali u bil-probabbilita' li ghaddewhielu.

Mill-banda l-ohra, il-konvenut jinsisti li ilu joqghod iz-Zurrieq ghal madwar sentejn, meta xehed f'Jannar, 2008, pero' meta applika mas-socjeta' attrici ghas-servizz telefoniku, kien fl-ahhar tal-2006 u ghalhekk fil-limiti tas-sentejn u xorta applika taht l-indirizz ta' H'Attard meta suppost, skond kif xehed hu, kien qieghed jirrisjedi z-Zurrieq.

Ghalhekk il-verzjoni tas-socjeta' attrici hija aktar kredibbli u dan meta l-konvenut ma rnexxielux jipprova soddisfacentement li ma kienx gie notifikat bl-atti gudizzjarji.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

L-ispejjes ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------